**MINUTI LAQGHA NUMRU 37**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Hamis, 12 ta' Awwissu, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ħamis, 12 ta' Awwissu 2021, fl-4:15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 37.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 37.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

37.2.1 Minuti Laqgħa Numru 36

37.2.1.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex f'paragrafu 36.12.01 minflok il-kelma "qolla" jinkiteb "terġa' titħaddem in-nixxiegħa".

37.2.1.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet biex f'paragrafu 36.4.19 titneħħa l-frażi "Staqsiet bankina ġdida min jagħmilha, Kunsill jew Ministeru?".

37.2.1.3 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab biex f'paragrafu 36.4.1 jiżdied "Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ippropona li jekk ikun hemm bzonn dan is-suġġett jitressaq għal vot quddiem il-Kunsill."



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

37.2.1.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet biex f'paragrafu 36.4.1 titneħħa il-frażi "staqsiet dwar is-sitwazjoni fil-pjazza" u tinbidel għal "ipproponiet li l-Pjazza tingħalaq darbtejn fil-ġimgħa wara li tispiċċa l-quddiesa"

37.2.2 Il-Kunsill Lokali unanimament qabel ma dawn il-bidliet u għalhekk il-minuti tal-laqgħa numru 36 ġew approvati hekk kif emendati hawn fuq.

## 37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

37.3.1 Is-Sindku informa li wasal il-permess tal-ERA biex isir it-*trimming* tas-siġar tal-pjazza. Dan wasal l-Erbgħa ta' wara l-Festa, u l-proċess kollu mill-bidu tal-applikazzjoni sakemm inħareġ il-permess kien ta' erbgħa ġimgħat.

37.3.2 Miexi ix-xogħol fuq l-applikazzjoni għall-fondi għat-*Town Twinning.* Canale Monterano ser jagħmlu applikazzjoni simili għal tagħna, waqt li Leni ħa jkunu qed jieħdu sehem ukoll. Sindku sejjer Salina bejn 25 ta' Awwissu sal-1 ta' Settembru biex ikompli jaħdem fuq dan il-Ġemellaġġ. Il-Kunsill ser ikun qed jerfa' l-ispejjeż ta' trasport u *insurance*. Ġie suġġerit li n-nies ta' Salina jkunu mistiedna jżuruna matul il-*Qala International Folk Festival*.

37.3.3 Is-Sindku informa lill-kunsill li llum kien hemm problema fi Triq il-Wardija, fejn żviluppatur qed jieħu parti mit-triq biex jinki. Is-Sindku reġa' waqqafom għax qed jidħlu iżżejjed ġot-triq. Il-Kunsill għamel ilment mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u mat-taqsima tal-infurzar tal- BCA (*Bulding Construction Agency*). Jekk ma jzommux mal-linja tat-triq, nibgħatu ittra bl-avukat.

37.3.4 Is-Sindku informa li aktar kmieni dak inhar il-Kunsill irċieva l-aħbar li ser nirċievu EUR11,931 biex jintefqu fuq il-proġett ta' *traffic management* fi Triq il-Kunċizzjoni. Dawn il-fondi inkisbu wara li l-aġent Segretarju Eżekuttiv induna bi skema li kien hemm miftuħa u applika għaliha ideja li diġà kienet qiegħda tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li l-perit jinħatar b'mod uffiċċjali biex jieħu ħsieb dan il-proġett. Il-Kunsill qabel ukoll unanimament biex l-istess Perit jingħata permess biex japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar għal dan il-proġett.

## 37.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

37.4.1 Qabel bdiet, il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet li titħalla tagħmel l-interventi tagħha imbgħad kulħadd jgħid tiegħu. Dan qalitu għaliex tħoss li kull meta titkellem hi jkun hemm min jaqbeż fuqha.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

37.4.2.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ressqet talba ġdida biex il-Pjazza tar-raħal tingħalaq għat-traffiku għal darbtejn fil-ġimgħa, u jingħata aċċess biss għal ambulanza u residenti. Dan għandu jsir għal perjodu ta' prova.

37.4.2.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li hu iċċekja ma rħula oħra u m'aħniex obbligati nġibu *wardens*. Kull ma jrid isir hu li tinforma b'email lil Pulizija u dawk involuti li pjazza ser tingħalaq, u li jsiru barriers. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li tkun ideja tajba kieku nsibu min jiftaħ u jagħlaq il-barriers, bħal per eżempju xi għaqda tal-Parroċċa u ntuwhom xi ħaġa fix-xahar.

37.4.2.3 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li jaqbel li l-pjazza tingħalaq bi prova, imbgħad jekk ix-xogħol imur tajjeb nestendu għal xi ħaġa iktar permanenti.

37.4.2.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li hu jaqbel mal-proposta tal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, u mas-suġġeriment tal-Viċi Sindku Ivan Cefai li ninvolvu l-għaqdiet tar-raħal. Kien hemm atmosfera sabiħa fil-festa, imma rridu nieħdu deċiżjoni kif ser tingħalaq. L-opinjoni tal-Kunsillier Karl Buttigieg hi li Triq San Franġisk u l-Pjazzetta jibqgħu miftuħin, u dan b'kooperazjoni mal-Parroċċa. Ma tistax tibda mingħajr ma jkun hemm qbil mal-Parroċċa. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li jekk ma għandniex barriers nixtru.

37.4.2.5 Is-Sindku Paul Buttigieg tenna li r-raġuni għala ma jaqbilx mal-għeluq tal-Pjazza hu għaliex meta din ingħalqet fl-2014 kien qam *chaos* meta kien hemm proġett tal-pavimetar tal-Pjazza. Kien hemm nies li meta ma sabux jipparkjaw baqgħu sejrin lejn in-Nadur. Dan tar-restaurants jafuħ. Barra minn hekk is-Sindku saħaq li ser tinħoloq problema ta' aċċessibilita' f'partijiet mill-Qala, kif ukoll għal Hondoq ir-Rummien. Huwa faċli, qal is-Sindku, li tagħlaq Pjazza imma wieħed ikun irid ukoll jara l-konsegwenzi. Żied ukoll li l-Kunsill irid jikkomunika mal-Arċipriet mal-Arċipriet li ser jispiċċa xahar ieħor. Waqt li għalkemm ma jaqbilx, hu jaċċetta d-deċiżjoni tal-Kunsill biss issa kulħadd jerfa' ir-responsabilita' tiegħu. Żgur ser tinħoloq problema aċċess għal Hondoq.

37.4.2.6 Il-proposta tal-Kunsilliera Valeie Cassar Mejlak li l-Pjazza tingħalaq bi prova għaddiet b'4 voti favur u 1 kontra. L-għeluq tal-pjazza ser jerġa jiġi evalwat fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Fil-frattemp il-Kunsill ser ikun qed jitlob għal laqgħa mal-Arċipriet bis-suġġett ikun l-għeluq tal-pjazza.

37.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-pajpijiet tal-ilma fl-isqaqien ta' triq il-Wardija. Is-Sindku informaha li dawn ħa jinbidlu f'Diċembru li ġej. It-tenders tad-drenaġġ ħarġu u ġew aġġudikati. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li is-CEO tal-*Water Services Corporation* irid li l-Kuinsill jibgħatlu *site plan* biex dawn jinbidlu mill-aktar fis. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkorrispondi mas-CEO u Ing Camilleri tal-*Water Services Corporation* biex dawn jikkonfermawlu meta ser jinbidlu, u jinkludi siteplan. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li malli jsiru id-drenaġġi din it-triq trid



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

isirilha wiċċ tarmac ukoll. L-istess ħaġa, żied il-Kunsillier Karl Buttigieg, għandha tintqal għal Triq Papa Piju XII li għadu kemm inbidlila l-main tal-ilma.

37.4.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li taf li għaddejja korrispondenza bejn il-Kunsill u l-Kumpannija GoTo. Issuġġeriet li l-GoTo jingħataw deadline sa meta jrid isir ix-xogħol.

37.4.5 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li 4 familji Triq it-Tempju talbu għal *sleeping policeman* għax is-sitwazzjoni tat-traffiku f'dik it-triq saret inkontrollabbli. Is-Sindku talab li jinġabru il-firem. L-iskrivana tal-Kunsill ser tkun qiegħda tlesti karta l-uffiċċju għal dan il-għan. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser tkellem lill-familji biex jiġu jiffirmaw.

37.4.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-garbages tal-Belvedere. Is-Sindku qal li ġibna l-istickers wara sejħa għall-kwotazzjonijiet u ser jitwaħħlu fil-futur qarib.

37.4.7 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-korsijiet tax-xitwa. Is-Sindku qal li dawn ser ikomplu normali u min ikun irid jibda ġdid ikellem lill-għalliem. Sindku ser ikellem lighalliema wkoll biex jipprovduna *time table* u *maximum student capacity* għal kull lezzjoni.

37.4.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li għall-proġett tal-*Wall Mural* li għandu jsir fiċ-Ċentru Ċiviku jkunu involuti l-istudenti tal-mużajk ukoll. Is-Sindku wieġeb li hekk ser isir.

37.4.9 Il-Kunsillier Karl Buttigieg informa lill-Kunsill li l-Wifi b'xejn li hemm fiċ-Ċentru Ċiviku qed jaqbad imma ma għandux l-istess *reach* bħal ma kellu qabel. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jitlok lill-iskrivana biex tkellem lit-techincian dwar dan.

37.4.10 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa. issa li triq il-Kuncizzjoni reġgħet infetħet, it-traffic tat-trakkijiet ser jerga lura għar-rotot normali kif miftiehma? Is-Sindku Paul Buttigieg informa li hekk ser isir.

37.4.11 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar ikel li qed jitħalla għall-qtates fil-Belvedere, u ssuġġerixxa li tal-inqas nagħmlu kaxxa għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel li nixtru kaxxa u nwaħħluwa.

37.4.12 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li s-Sa. Ġuża Sultana talbet li jsir double yellow line quddiem tagħha, biex tkun tista' tidħok u toħroġ mid-dar tagħha bil-*Wheelchair*. Il-Kunsill qabel ma dan.

37.4.13 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li bħala Kunsill konna mistednin fuq ir-radju tal-Qala għal 4 programmi. Waqt il-laqgħa semma recording li fiħ is-Sindku kien qed jinstema' jgħid li ma jsibx kooperazzjoni mingħand kulħadd, iżda jaħdem sew ma Karl u



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Valerie. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għadda lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv *transcript* tas-silta li ssemmgħet u *recording* tagħha fuq CD. It-*transcript* u *recording* qed jiġu inklużi ma dawn il-minuti bħala "**Appendiċi 1**" u "**Appendiċi 2**" rispettivament. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li jħossu iddispjacut u rrabjat għal dak li ntqal fil-programm. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li b'dawn l-istqarrijiet ta' bsaten fir-roti is-Sindku ta x'tifhem li hu (il-Viċi Sindku) qed jagħmel bsaten fir-roti. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ċaħad dan kollu u qal li lanqas illum, aħseb w'ara. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab lis-Sindku jindikalu fejn qed jonqsu. Is-Sindku wieġbu li meta tkellem ma familja, li Viċi Sindku kien mar għandhom, qalulu li (l-Viċi Sindku) qal li Paul ma jaħdem xejn sew ma Marcia, is-Segretarja Eżekuttiva. Il-Viċi Sindku wieġeb "mhux ovvja, minħabba fik Marcia ħarġet għal kważi sena sħiha b'unpaid leave. Dawn jammontaw għal eluf ta' Ewro minn ħalq il-familja. Dan kollu ġara wara ħafna episodji oħra fosthom meta ressaqt 6 akkużi kontra tagħha lid-dipartiment tal-Kunsill u rebietom it-tnejn għax ġiet ħielsa minn kull akkuza, ħaġa li qatt ma ġrat f'25 sena lill-ebda Segretarju Eżekuttiv f'Malta u Għawdex. Is-Sindku qal jħalli dan għan-nies biex jiddeċiedu ħ huma min qed jgħid il-verità. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li l-id tal-ħbiberija ingħatat waqt il-kampanja elettorali billi il-probabilita' kienet li bejn il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Joseph Buttigieg u s-Sindku xi ħadd minnhom ser ikun elett Sindku, flimkien inqabel li jitla min jitla' l-importanti li naħdmu flimkien. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ikkonferma li dan hu minnu. Għalhekk l-id tal-ħbiberija ma tridx tkun waqt il-Kunsill biss, u li skond il-Viċi Sindku dan l-aġir tas-Sindku hu att irresponsabbli ħafna.

37.4.14 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li hemm ħafna buzbiez fi Triq taċ-Ċawl. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jitqabbad ħaddiem mill-fondi tal-Kunsill; u dan għaliex il-Kunsill ma għandux ħaddiema li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel unanimamen ma dan. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li min jitqabbad irid ikollu ċertifikazzjoni biex jopera inġenji ta' *grass cutting*.

37.4.15 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta li waqa' ħajt tas-sejjieh waqa fejn dog park. Is-Sindku għarraf li dan il-ħajt ser jitranġa mill-ħaddiema tal-Ministeru li qed jaħdmu fuq id-*dog park*.

37.4.16 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li l-wifi f'Hondoq ir-Rummien mhux jaħdem. Is-Sindku qal li sa ġimgħa ilu kienet taħdem. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jirrappurtawħ.

37.4.17 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li rċieva rapporti dwar żewġ trakkijiet għaddeejjin *wrong way* fi triq il-Wileg. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li t-*technician* għarrfu li fil-ġranet u ħinijiet indikati fis-CCTV ma jidhrux trakkijiet għaddejjin *wrong way.*

37.4.18 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li qed jinġema' trab fi triq il-Mitħna. Is-Sindku qal li ser ikun qed jinġabar.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

37.4.19 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jsir kontroll aħjar tal-parkeġġ li qed isir fi Triq l-Isqof M Buttigieg, faċċata taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku staqsa nagħmlux *double yellow line*. Il-Kunsill qabel li nistaqsu l-opinjoni tar-residenti dwar *double yellow line* temporanju sa sa xħin tinfetaħ it-Triq tan-Nadur.

37.4.20 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma l-istop signs tar-rajjutt, li għandom bżonn urġenti ta' żebħa. Is-Sindu qal li ktibna lill-awtoritajiet biex isir dan ix-xogħol, imma baqa' ma ġie ħadd.

37.4.21 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jkun hemm kontroll aħjar tal-parking li jsir fi Triq il-Belvedere fil-bidu tagħha fejn Pjazza Isqof M Buttigieg. Is-Sindku irrimarka li la qed niġġieldu mal-GoTo ha nagħmlu double yellow faċċata tagħhom? Is-Sindku qal li nerġgħu niżbħu is-sinjali li li diġa' hemm.

37.4.22 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar it-tiswija tal-madum ikkawżat minn ħsara tat-trakkijiet. Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-Gvern mhux jagħti madum, waqt li l-Impustat mhux iġib. Bħalissa l-Kunsill qed jixtri dan it-tip ta' madum mingħand il-Magun.

37.4.23 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-Fanal Triq il-Belvedere weħel imma għadu bla globu u jidher ikraħ. Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-kuntrattur qed jaħdem fuqu u ma xegħelx għax dan qiegħed kull darba iwaqqa' s-salvavita.

37.4.24 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma l-fanal li hemm imqaċċat fi Pjazza Isqof M Buttigieg. Is-Sindku qal li dak il-fanal ilu mwaħħal snin twal u li ħadd ma għadu jġib bħalu. Il-Kunsill qabel li xorta waħda kif inhu m'huwiex ta' quddiem in-nies.

37.4.25 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta fanal fil-Belvedere li mhux jixgħel. Is-Sindku Paul Buttigieg ser ikun qed javża lil Joe Cutajar biex jara li dan jissewwa.

37.4.26 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma dwar li t-taqsima tal-Kultura talbet li tiltaqa' mal-Kunsill tal-Qala dwar esibizzjoni li hemm ippjanata għas-sena 2022. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu u s-Sindku diġa' għandhom appuntament mad-Direttur tal-Kultura fuq dan is-suġġett skedat għall-ġimgħa d-dieħla.

37.4.27 Ġie ssuġġerit li jinxtara rigal lill-Arċipriet u lil Dun Noel Debono, bħala radd il-ħajr fi tmiem il-ministeru tagħhom ġewwa r-raħal tal-Qala. Il-Kuinsill qabel unanimament ma din il-proposta.

37.4.28 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jsir belvedere żgħir fi Triq il-Barbaġan, fejn hemm l-iskips.

## 37.5 Aġġornament fuq Triq il-Kunċizzjoni;



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

37.5.1 Is-Sindku informa li l-ewwel saff tarmac huwa lest, u li t-Triq issa terġa tinsab miftuħa għatt-traffiku. It-tieni saff mistenni li jsir l-ewwel ġimgħa ta' Settembru. Dwar il-bankini is-Sindku qal li l-kuntrattur qallu li f'ġimgħa dan ix-xogħol jitlesta; imma ma ħax impenn meta ser isir il-madum.

## 37.6 Aġġornament fuq il-proġett ta' *Urban Greening*;

37.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li nhar it-Tnejn 9 ta' Awwissu saret spezzjoni tax-xogħolijiet li għaliha attendew hu, is-Sur Joseph Bonello, u rappreżentanti tal-ELC. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg fakkar li jridu jsiru l-i*stickers* ta' Ambjent Malta mal-qsari. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitkellem dwar dan mas-Sa. Gambin minn Ambjent Malta.

## 37.7 Aġġornament fuq il-proġett ta' Ħondoq ir-Rummien;

37.7.1 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li wara sentejn u nofs il-Kunsill għadu ma semax b'aħbar mingħand il-PA. Il-Kuinsill ġie imwiegħed *site visit* imma din għada ma saritx. Is-Sindku qal li hu jħoss li hemm min qiegħed ikaxkar saqajħ fuq din l-applikazzjoni.

## 37.8 Aġġornament fuq l-applikazzjoni fondi Ewropej għal Ġemellaġġi;

37.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħol biex titħejja l-Applikazzjoni għal dawn il-fondi baqa' għaddej. Saru diversi laqgħat *online* kemm mal-Kunsilli barranin li hemm involuti kif ukoll mal-Kumpannija li qiegħda tieħu ħsieb l-applikazzjoni f'isimna. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li jidher li Canale Monterano ser jissottomettu applikazzjoni huma wkoll, waqt li l-indikazzjonijiet huma li ta' Leni ser ikunu qiegħdin biss jieħdu sehem.

## 37.9 *Qala International Folk Festival* 2021;

37.9.1 Il-Kunsill ħa nota li ma kienx hemm tibdil fir-restrizzjonijiet mill-Awtoritajiet tas-saħħa fir-rigward tal-imxija tal-COVID-19. Hija ix-xewqa unanima tal-Kunsill li l-QIFF jibqa' jsir; pero' minħabba l-pandemija ikun aktar għaqli li din is-Sena l-*Folk Festival* ma jsirx.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 37.10 Haddiema tal-Kunsill;

37.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill li l-ħaddiem Lawrence Cauchi ingħata transfer mill-Kunsill għal Ministeru ta' Għawdex wara li kien ilu barra bis-*sick leave* għal numru ta' xhur. Is-Sindku irrimarka li kemm ilu ma jiġix xogħol is-Sur Cauchi, in-numru ta' *skips* naqas minħabba iktar għaqal mill-ħaddiema li qed jieħdu ħsieb l-*iskips*. Dan rrżulta f'iffrankar ta' flus. Is-Sindku żied li minkejja dan, in-numru ta' ħaddiema mal-Kunsill tant naqas la ma għandiex biex nagħmlu ċertu xogħolijiet li kien isir fl-imgħoddi, u li għal kull ħaġa, żgħira kemm hi żgħira, inkunu rridu nqabbdu n-nies li jfisser aktar spejjeż għall-Kunsill. Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jagħti rendikont ta' kemm ittieħdu ħaddiema mill-Kunsill f'dawn l-aħħar xhur. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li minn Frar 2020 sal-llum ingħaqdu mal-Kunsill żewġ (2) ħaddiema waqt li ttieħdu għaxra (10) b'wieħed (1) minnhom ikun irtira bl-età.

## 37.11 Korrispondenzi;

37.11.1 Ġiet trattata ittra mingħand Euphoria Events dwar attività li kellha ssir fl-2020. Il-Kunsill qabel li t-talba u l-ispjegazzjoni ta' Euphoria Events qiegħda ċara issa, u ntlaħaq qbil unanimu biex isir il-pagament. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab biex issa noqgħodu attenti għaliex jekk tiġi kumpannija privata oħra dawn ser jistennew l-istess trattament. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta d-differenza bejn li tgħin NGOs lokali u kumpanniji li jfittxu l-profitt.

37.11.2 Ittra mingħand l-OASI fejn offrew id-disponibilita' tagħhom biex jaħdmu id f'id mal-Kunsill biex jiġu organizzati preżentazzjonijiet u taħdidiet bħala parti minn kampanja ta' prevenzjoni kontra l-vizzji. Il-Kunsill qabel ma din it-talba, iżda talab biex jingħata aktar tagħrif dwar x'jista' jsir.

37.11.3 Email mingħand *Rota*, NGO li tipprommwovi is-sigurtà għal min isuq ir-roti dwar appliakzzjonijijet għal kompetizzjoni li jistgħu isiru b'rabta mal-"European Mobility Week". L-applikazzjonijiet jaqgħu taħt żewġ kategoriji, "permanent sustainability mobility measures" (massimu ta' €50,000) u Attivitajiet żgħar (massimu ta' €2,500). L-għeluq tal-applikazzjonijiet hul-20 ta' Awwissu. Il-Kunsillier Karl Buttigieg ippropona li ssir applikazzjoni għal van tal-Komunità. Ġie deċiż li għalissa ma ssirx applikazzjoni.

37.11.4 Ġiet diskussa *email* mingħand *Gozo Adventures* biex iz-zona ta' parkeġġ fejn il-moll ta' Hondoq ikun riservat għal entitajiet kummerċjali biss. Il-Kunsill innota li diġa' hemm problema ta' parkeġġ f'din iz-zona, u li għalhekk jekk jaċċetta din it-talba jkun qed jinħoloq inkonvenjent ikbar lil min ikun irid igawdi din il-bajja. Il-Kunsill għalhekk qabel li ma jaċċettax din it-talba.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

37.11.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li irċieva talba fuq il-*facebook* privat tiegħu mingħand is-Sur Mickey Cutajar biex il-Kunsill jikkonsidra li jbiddel il-post ta' fejn ikun hemm l-i*skips* fi Triq il-Barbaġan. Il-Kunsill osserva li bħalissa l-Perit qiegħed jaħdem fuq kunċett biex titranġa iz-zona in kwistjoni. Intlaħaq qbil li nistennew mingħand il-perit għaliex kapaċi hu (il-perit stress) ikollu xi suġġerimenti f'dan ir-rigward.

37.11.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li, kif kien mitlub, hu bagħat *email* il-Ministeru fejn talab għal laqgħa bejn il-Kunsill u l-Ministru. Din l-*email* għada mhux imwieġba. Talab permess tal-Kunsill biex jibgħat *reminder*. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 37.12 Materji oħrajn;

37.12.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lil-Kunsill b' numru ta' kontijiet li rċieva mingħand Joseph Cutajar u li jammontaw għal €5,826.10. Dawn il-kontijiet, oriġinarjament ippreżentati lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, jkopru is-snin 2019 u 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti ma kienitx ipproċessat dawn il-kontijiet minħabba li ma kienux korretti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li, issa li ġew ippreżentati lilu bil-format mitlub skond il-liġi, qed iressaqom bħala *item* separat fil-laqgħa peress li l-ammont kien wieħed sostanzjali. Il-Kunsill qabel li jiġu mħallsa dawn il-kontijiejt.

37.12.2 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ikunu jistgħu iġibu kwotazzjonijiet għal *compactor*. Il-Kunsill qabel ma dan.

37.12.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 09/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

37.12.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li irċieva żewġ stimi mingħand Cefai Audio Visual. L-ewwel stima titratta li jinġabar l-apparat u l-*wiring* li hemm fis-Sala tal-Kunsill u li għandu x'jaqsam mas-sistema tal-*live streaming*. Din l-istima tammonta għal €688.00. It-tieni stima hija biex tiġi installata sistema ta' WIFI fiċ-Ċentru Ċiviku (uffiċini, Sala tal-Kunsill u Sala tal-Komunità), u din l-istima telgħat għal €605.70. Il-Kunsill innota li diġa' sar xogħol simili ta' *cable management* mill-istess fornitur gol-uffiċċju tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, u li kemm is-Sindku kif ukoll il-ħaddiema kienu ferħanin bil-kwalità ta' dan ix-xogħol. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta dawn ż-żewġ kwotazzjonijiet.

37.12.6 Is-Sindku semma li kien hemm problema marbuta mal-iskema tal-Wifi4EU, peress li ma kienx ċar min ser iħallas il-kontijiet tad-dawl u *internet* għal dan is-servizz. Is-Sindku qal li din il-problema ġiet solvuta billi dawn l-ispejjeż ser jintrefgħu mid-dipartiment. Il-Kunsill qabel li jipproponi li dan is-servizz jiġi installat fit-toroq li jagħtu



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

aċċess lill-Qala, bil-possibilità li jitwaħħlu CCTV cameras ħalli tiżdied is-sigurtà tar-residenti.

## 36.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-6:30pm ta' filgħaxija. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss li ġie propost li ssir nhar il-Hamis, 16 ta' Settembru 2021 fl-4:30 ta' filgħaxija.

(iffirmat)

Paul Buttigieg
Sindku

(iffirmat)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt